MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Avviz Numru. 104/2005

**Avviz Numru 104/05CSH**

**Onor. Louis Deguara**

**Vs**

**Nidal Binni sive Bonnaiy**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avvizipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Frar 2005, permezz ta' liema l-attur talab lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu dik s-somma li din l-istess Qorti, ai termini tal-artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa, tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta fil-programm "Int Taf X'Ifisser", imxandar fuq Smash Television nhar s-sbatax (17) ta' Jannar 2005, ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tieghu bil-ghan li jtellef jew inaqqas r-reputazzjoni tieghu fosthom li l-Ministru tas-Sahha, imcappas fi skandlu, abbuza mill-poter biex jaqdi l-

hbieb tal-hbieb cioe agent tal-medicini u li l-Ministru hu parti mill-*game*.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut ippresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hamsa w ghoxrin (25) ta' Mejju 2005, fejn eccepixxa li:

"*Dak li ntqal mill-eccipjent fix-xandira mertu tal-kawza, jammonta ghal fair comment naxxenti minn fatti li sostanzjalment huma veri u kwindi, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri*."

Illi nhar l-ewwel (1) ta' Frar 2005 xehed l-attur **Onorevoli Doctor Louis Deguara** (fol. 18) fejn qal li hu qed jibbaza l-kawza tieghu fuq x-xandira li dehret fuq Smash Television nhar s-sbatax (17) ta' Jannar 2005 fil-programm li gie ppresentat mill-konvenut fejn kien hemm mistieden tieghu Doctor Michael Farrugia. Qal li huwa hass ruhu ngurjat bl-ewwel kliem li ntaqal mill-presentatur l-konvenut u cioe meta qal li kien li ser jitkellem fuq skandlu u matul dan il-programm, kien issemma diversi drabi l-Ministru tas-Sahha, u b'hekk fisser li l-Ministru tas-Sahha kien involut f'xi skandlu.

Huwa esebixxa traskrizzjoni ta' dak li ntqal f'din ix-xandira u spjega li fi zmien dan il-programm, l-Ministru tas-Sahha kien hu u li kien ghadu f'din il-kariga. Spjega li biex saret t-traskrizzjoni esibita a fol 10 tal-atti, saret talba lil Awtorita tax-Xandir sabiex isir *recording* tal-programm u hu kien qabbad persuna fdata biex tghamillu din t-traskrizzjoni.

Qal li matul din x-xandira, hu ssemma diversi drabi u fl-istess traskrizzjoni li esebixxa a fol. 2, huwa ndika b'kulur rosa l-partijiet fejn hass li kien gie malafamat.

Qal li l-konvenut huwa mportatur ta' prodotti li skond r-reklami li ghamel huwa stess, dawn ghandhom xi effetti

medicinali. Spjega li skond l-ligi, prodott li jigi reklamat li ghandu effetti medici, ghandu fl-ewwel lok jigi regisrat mad-Dipartiment tas-Sahha, qabel ma dan il-prodott ikun jista jinbiegh fuq is-suq, minn farmacija jew xi *outlets* registrati.

Spjega li ghalkemm d-Dipartiment tas-Sahha kien gibed l-attenzjoni tal-konvenut li l-prodotti li kien qed jirreklama kellhom jigu fl-ewwel lok registrati u ma setghux jinbieghu, l-konvenut baqa jinsisti u baqa' jbieghhom minn fuq it-*television*.

In segwitu, l-konvenut gie mwaqqaf mid-Dipartiment tas-Sahha milli jibqa' jirreklama u jbiegh dawn il-prodotti.

Spjega li l-konvenut f'din x-xandira allega li huwa kien gie mwaqqaf milli jirreklama u jbiegh l-prodotti tieghu, sabiex b'hekk il-Ministru jaghti vantagg lil shabu u peress li huwa mhux habib tal-Ministru, huwa gie ordnat jieqaf milli jkompli jxandar.

Qal li din x-xandira li giet imxandra fuq t-*television*, giet moghtija pubblicita mill-gurnal 'Malta Today' nhar s-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar 2005, taħt l-intestatura '*Blue Pain Relief maybe taken off the shelf*'. Huwa esebixxa estratt tal-istess artikolu mill-gazzetta bhala Dok. LD 1. Qal li fl-istess artikolu hemm ezattament dak li hu bhala attur, qed jilmenta dwaru fis-sens li hemm ikkwotat li x-xandira tal-konvenut timplika li hu bhala attur, abbuza mill-poter tieghu u testwalment tghid:- "… *on his programs on Smash TV, Binni has also been making some serious allegations about the Health Minister Louis Deguara, saying that the latter abused his power to help out friends of friends*."

Spjega li dawn l-istess allegazzjonijiet gew ripetuti f'zewg programmi sussegwenti fuq l-istess stazzjon Smash Television mill-istess konvenut u gew wkoll rappurtati fuq diversi gurnali. Huwa esibixxa kopja ta' dawn l-artikoli li gew immarkati bhala Dok. LD 2 sa LD 5, liema allegazzjonijiet m'humiex veri.

Qal li hu ma jafx lil konvenut u lanqas qatt m'iltaqa' mieghu. Qal li hu qatt ma tkellem ma xi ufficcjali ta' xi partit politiku dwar dan il-kaz u sar jaf bil-konvenut u l-prodotti li kien qed jirreklama ghal biegh l-ewwel darba, meta kienet dahlet domanda parlamentari li giet indirizzata lilu, bhala Ministru tas-Sahha, liema domanda parlamentari kienet tirrigwarda dawn l-istess prodotti li l-konvenut kien qed jimporta. Jiftakar li kienet domanda specifika biex d-dipartiment jaghti r-raguni ghaliex il-prodotti ta' Nidal Binni kien gie mwaqqaf mill-istess dipartiment. Qal li hu qatt ma ha sehem f'ebda parti mill-process li kien segwa d-Dipartiment tas-Sahha biex wasal biex waqqaf l-importazzjoni u distrubuzzjoni u reklamar tal-prodotti tal-konvenut. Qal li hu sar jaf li d-dipartiment kien kiteb mhux biss lil konvenut, izda anke lid-difensur tieghu u tahom r-ragunijiet ghaliex l-prodott kien gie mwaqqaf. Qal li ma kienx jaf kemm kien ilu jigi reklamat w offrut ghal bejgh fuq is-suq il-prodott tal-konvenut, qabel ma gie mwaqqaf. Mistoqsi kemm kien ilu fuq is-suq ighid li hu qatt m'indaga kemm kien ilu u qatt ma tkellem mas-Segretarju tal-Partit Nazzjonalista fuq dan il-kaz kif donnu kien qed jallega id-difensur tieghu.

Stqarr li r-ricerka ghar-risposta tad-domanda parlamentari m'ghamilhiex hu, ghax dik issir minn nies kompetenti tad-dipartiment u hu jaghti biss r-risposta fil-parlament. Qal li ghalkemm r-risposta ikun irceviha d-Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha, jahseb li r-risposta tkun formulta ghal persuna li hi nkarigata mir-registrazzjoni ta' dawn il-medicini, li hi Patricia Bonanno.

Qal li lil Patricia Bonanno hu qatt ma kellimha fuq dan il-kaz u l-ebda importatur ma kellmu fuq dan il-kaz lanqas. Qal li hu, mal-importaturi tal-medicini m'ghandux xi relazzjoni tajba hafna, ghaliex meta jxomm xi nkwiet gej mill-boghod, ma jiltaqghax maghhom.
Illi nhar t-tmintax (18) ta' Gunju 2008 xehed **l-attur** (fol. 78) **in kontr'ezami**, fejn mistoqsi jekk jokkupax xi kariga fil-Medicine Board wiegeb li le u li m'ghandu l-ebda kariga fil-prezent u lanqas fil-passat. Ikkonferma li d-direttur tat-tali bord, hija Patricia Vella Bonanno. Spjega li dan huwa bord awtonomu u l-ministru m'ghandu x'jaqsam xejn ma

dan il-bord. Qal li dwar dan il-kaz partikolari, hadd ma kien kellmu. Mistoqsi min kien kellmu dwar dan il-kaz tar-reklamar, wiegeb li effettivament kien certu Paul Spiteri li huwa l-persuna responsabbli mir-reklamar tal-Media Link ta’ Net Television u dan kien qallu li kellu xi problema li xi dipartiment kien talab biex iwaqqaf reklamar peress li kien qed jikklejmja *medicinal property* w ghalhekk ovvjament jaqa’ taht certu regolamenti taht medicinali. Qal li dak iz-zmien hu kien baghtu jkellem lil John Attard Kingswell li huwa d-direttur tal-Public Health. Qal li effettivament Paul Spiteri kien kellmu darba biss, meta kien rriferih ghand John Attard Kingswell. Spjega li wara dan l-intervent ma kellu xejn x’jaqsam ma’ dan il-prodott u ma’ dan il-kaz.

Illi nhar d-disgha (9) ta’ Gunju 2006 xehed **Simon Manicolo** (fol. 34) prodott mill-attur fejn qal li hu Kap tad-Dipartiment tal-*Monitoring* tal-Awtorita tax-Xandir u esibixxa kopja awtentikata tax-xandira tal-programm ‘Inti Taf X’Ifisser’ li xxandar fuq Smash Television nhar s-sbatax (17) ta’ Jannar 2005 liema *video cassette* gie mmarkat bhala Dok. ‘X’.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin (29) ta’ Marzu 2007 rega xehed **l-attur** (fol. 39) prodott mill-konvenut fejn mistoqsi jekk qabel l-elezzjoni tas-sena 2003 il-konvenut kienx ibiegh liberalment dawn il-prodotti wiegeb li ma kienx jafx, pero bil-prodotti tieghu kien semgha, ghalkemm min kien l-konvenut ma kienx jaf. Qal li effettivament kienu ttarrxu bir-reklami tal-konvenut li kienu hafna fuq Net TV. Mistoqsi jekk kienux ristretti biss ghal Net TV wiegeb li ma kellux idea. Qal li fil-fatt, wiehed jista’ jbiegh li jrid, pero’ meta jkun hemm medicinali nvoluti, mbaghad jidhol il-bord nominat mid-Dipartiment tas-Sahha.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin (29) ta’ Marzu 2007 xehdet **Doctor Patricia Vella Bonanno** (fol. 40) prodotta mill-konvenut fejn qalet li hi tokkupa l-kariga ta’ CEO fl-awtorita’ li tikkoncerna l-medicini. Mistoqsija tafx fuq il-prodotti li kien jirriklama l-konvenut Binni Nidal maghrufa bhala ‘Made in America’ wiegbet li kienet taf li l-konvenut kien qed jirriklama l-prodotti, partikolarment dak maghruf bhala ‘Blue Pain Relief’. Qalet li l-*claim* li kien qed

jaghmel il-konvenut fuq dan il-prodott, kien li t-tali prodott kien qed ikollu effett ta' medicinali. Qalet li l-konvenut kien ighid li dan il-prodott ifejjaq l-ugiegh f'postijiet differenti tal-gisem w ghalihom qua dipartiment, din tfisser *claim* medicinali.

Ghalhekk, qalet, li kienu talbuh biex jieqaf milli jaghmel dawn it-tip ta' reklami u jbiddel il-*claim* tieghu. Qalet li l-awtorita' tal-medicini giet imwaqqfa f'November tas-sena 2003 u hi bdiet bil-kariga taghha minn Marzu 2004 w ghalhekk hi tista tixhed biss fuq dak li gara minn Marzu 2004 'il quddiem.

Spjegat li skond l-ittra li kellha fil-*file* taghha, li hi ndirizzata lill-konvenut datata tmienja (8) ta' Lulju tas-sena 2004 huma kienu, (peress li kklassifikaw l-prodott 'Blue Pain Relief' bhala medicina), talbuh jieqaf milli jbiegh il-prodott sakemm ikollu *marketing authorisation* minn ghandhom. Qalet li qabel ma gie kostitwit il-Bord li tifforma parti minnu kien hemm *regolatory unit* li jaqa' taht il-Ministeru tas-Sahha. Spjegat li d-definizzjoni ta' x'inhu medicinali, huwa parti mill-Medicines Act. Qalet li qabel m'agixxew huma, kien hemm nies qabilhom li setghu jagixxu wkoll, pero ma jirrizultax li fil-fatt kien hemm min qed jipprova jiehu xi passi fil-konfront tieghu qabilha u li ma rat l-ebda *files* ta' dawk li kien hemm inkarigati qabilha. Ziedet tghid li l-prodott 'Blue Pain Relief' ma kienx registrat b'*certificate of pharmaceutical product* w irrizulta li ma kienx registrat f''dik il-lista. Cio' nonostante, kompliet tghid, dan il-prodott kien qed jinbiegh fuq is-suq u ma setghux ihalluh, w ghalhekk meta kienu qed jaghmlu *enforcement* tal-prodotti li kienu fuq is-suq, dan irrizulta li kien wiehed minnhom. Qalet li huma bdew bil-prodotti li ghalihom kienu medicini, pero' ma kienux registrati bhala tali.

Mistoqsija jekk il-konvenut melhiex xi applikazzjoni biex il-prodott tieghu jigi registrat bhala medicina wiegbet fin-negattiv. Qalet li huma kien ilhom jaraw il-prodotti kollha li kienu fuq is-suq biex johorgu l-*enforcement*. Kienu kitbu lill-konvenut, li kien wiegeb b'mod legali. Qalet li t-tifsira tal-*medicinary product*, hija kif huma jaghtu t-tifsira taghhom. Qalet li wahda minn dawn ir-risposti giet

iffirmata minn Dottor Emy Bezzina, ghan-nom tal-konvenut li hija datata Awwissu 2004. Qalet li kien hemm ukoll serje ta' korrispondenza minghand l-istess Dottor Emy Bezzina. Qalet li konsiderazzjonijiet politici huma ma hadux u lanqas jekk humiex hbieb tal-hbieb ghaliex huma kellhom iduru s-suq kollu w il-prodotti kollha.

Ikkonfermat li ma kellhom l-ebda ntervent mill-Ministru Doctor Louis Deguara fid-decizjoni li hadu fil-konfront tal-konvenut, kienet purament decizjoni teknika. Sussegwentement dwar id-decizjoni li hadu, kompliet tghid x-xhud, kien hemm ukoll xi komuniki mal-Unjoni Ewropea w il-Kummissjoni Ewropea kienet kitbet ittra lura lil Dottor Emy Bezzina li kien ghal dak iz-zmien qed jagixxi ghan-nom tal-konvenut, fejn din kienet qablet maghhom kif interpretaw l-ligi.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin (25) ta' Gunju 2007 xehed **Paul Spiteri** (fol. 49) prodott mill-konvenut fejn qal li hu jahdem bhala *sales executive* mas-socjeta' Media Link u li kien ilu jokkupa din il-kariga ghal dawk l-ahhar hmistax-il sena. Mistoqsi jekk jiftakarx dak iz-zmien qabel ma dhalna fl-Ewropa, kienux waqqfu r-reklami li kien jaghmel il-konvenut bhala 'Made in America' wiegeb li ma jiftakarx dan il-fatt. Qal li huma kienu rcivew xi komunika minghand id-Dipartiment tas-Sahha fejn infurmawhom li l-konvenut kellu bzonn permess mid-Dipartiment tas-Sahha biex jaghmel dawk ir-reklami li effettivament kien qed jaghmel w ghalhekk infurmawh li sakemm huwa jottjeni dan il-permess minghand id-dipartiment, huma ma setghux ikomplu bir-reklami tieghu. Mistoqsi jekk effettivament lill-konvenut infurmawhx b'din id-decizjoni, wiegeb fl-affermattiv, pero' lill-Ministru Louis Deguara qatt ma kellmu fuq din il-kwistjoni. Qal li kien is-Sur Attard li kien kellem lilu min-naha tad-Dipartiment tas-Sahha u kien infurmah b'din id-decizjoni.

Mistoqsi jekk wara dawn ir-reklami gewx imwaqqfa, b'mod partikolari ghall-'Blue Pain Relief' wiegeb li ma jidhirlux li effettivament dawn regghu gew reklamati maghhom. Qal li effettivament il-konvenut kellu diversi reklami maghhom. Mistoqsi jekk jiftakarx illi wara l-elezzjoni li ghaddiet

regghux bdew jigu reklamati, mbaghad regghu waqfu, wiegeb li ma jiftakarx.

Ix-xhud esebixxa s-*schedule* meta dawn effettivament gew reklamati u meta waqfu u meta regghu bdew. Mistoqsi jekk dawn il-*live interviews* esibiti bhala Dok. ‘S’, bhala dawk ir-reklami li saru fuq ir-*radio*, jittrattawx biss dwar il-‘Blue Pain Relief’ wiegeb li le, u li jista’ jkun li hemm prodotti ohrajn tieghu. Ix-xhud esebixxa d-Dok. ‘T’ u spjega li dan jirrifletti dwar meta huma kellhom l-maratona u kienu jigbru l-flus fuq it-*television*. Spjega li d-Dok. ‘V’ jirrifletti dawk l-avvizi li saru fuq Net Television. Mistoqsi jekk ir-reklami li waqqfu kienux dwar il-prodotti kollha li kien jirreklama maghhom l-konvenut, wiegeb li le, suppost kienu biss dawk rigwardanti l-‘Blue Pain Relief’ li gew imwaqqfa. Mistoqsi jekk jafx effettivament jekk il-konvenut kienx gab xi permess biex huwa jirreklama, wiegeb li ma kienx jafx.

Illi nhar l-ghoxrin (20) ta’ Novembru 2007 rega’ xehed **Paul Spiteri** (fol. 68) riprodott in kontr’ezami fejn mistoqsi jekk l-*invoices* li huwa esebixxa fis-seduta precedenti gewx imhallsa kollha wiegeb li le u li fil-fatt illum hemm xi bilanc minimu ta’ xi bejn mitejn u tliet mitt lira. Qal li hu jokkupa l-kariga ta’ President Partit Nazzjonalista f’Tal Pieta’ u hu wkoll Membru tal-Kunsill Generali tal-istess partit.

Spjega li ftit taz-zmien ilu kien kellem lil John Attard Kingswell dwar it-twaqqif, ghaliex effettivament kienet ittiehdet id-decizjoni li jitwaqqfu dawn ir-reklami. Qal li ma jidhirlux li hu tkellem ma’ l-Onorevoli Ministru Louis Deguara fuq din il-kwistjoni. Qal li apparti l-laqgha ma John Attard Kingswell, ma jidhirlux li tkellem ma’ xi hadd iehor, apparti mal-mara tal-konvenut, pero’ qatt ma qalilha li hu effettivament kien tkellem mal-Ministru fuq din il-kwistjoni. Qal li kien fl-interess taghhom li jibqghu ghaddejjin bl-avvizi u bir-reklami.

Mistoqsi meta effettivament rega’ beda jirreklama maghhom l-konvenut wiegeb li ma jiftakarx pero’ l-*invoices* juru d-dati meta effettivament il-konvenut

irreklama maghhom u dana sa l-ahhar ta’ Ottubru 2003. Spjega li l-*accounts* mal-Medialink li l-konvenut kellu, kienu kemm man-Net kif ukoll ir-*radio*.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Jannar 2008 xehdet **Joanna Binni** (fol.71) fejn qalet li hi tigi mart il-konvenut. Ftakret li kien hemm xi kwistjoni dwar il-prodott imsejjah ‘Blue Pain Relief’. Qalet li hi kienet ghamlet kuntatt personalment ma’ Paul Spiteri u dan permezz tat-*telephone*. Qalet li lilha, Paul Spiteri kien qalilha hu kien qieghed dirett kuntatt mal-Ministru Louis Deguara sabiex is-sitwazzjoni taghha titranga ruhha fis-sens li jergghu jibdew bir-riklami tal-‘Blue Pain Relief’. Qalet li kien hemm kwisjtoni mad-Dipartiment tas-Sahha jekk l-*advert* tal-‘Blue Pain Relief’ kienx lecitu jew le, kienx in regola mal-European Standards. Qalet li effettivament kien hemm l-istess prodott bhalu li kien qed jigi reklamat gewwa Spanja u l-Olanda. Ziedet tghid li huma ma setghux jikkomunikaw mad-Dipartiment tas-Sahha w ghalhekk riedu jkellmu lil xi hadd responsabbli w ghalhekk deherilhom li kellhom ikellmu lill-Onorevoli Ministru tas-Sahha u kien ghalhekk li huma kellmu lil Paul Spiteri.

Qalet li Paul Spiteri kien qalilhom li kien qed jitkellem mall-Ministru ghaliex dik il-habta kienu qed jirriklamaw fuq Net TV. Qalet li kienet il-Broadcasting Authority li waqqfet lil Net TV mir-riklami taghhom pero wara saru jafu li d-Dipartiment tas-Sahha kien qed jinvestiga dan l-ilment. Pero kawza kontra d-Dipartiment tas-Sahha ma kienux ghamlu u hi lill-Ministru, qatt ma kellmitu. Ziedet tghid li skond ma qalilha Paul Spiteri, hu kien tkellem mal-Ministru. Qalet li Paul Spiteri kien qalilha li l-Ministru lilu kien qallu li d-decizjoni tad-Dipartiment tas-Sahha baqghet fis-sehh, fis-sens li ma kienx hemm reklamar.

Illi nhar t-tmienja (8) t’April 2008 xehed **l-konvenut** (fol. 74) fejn qal li qabel ir-*referendum* hu kien ircieva ittra minghand il-Broadcasting Authority biex iwaqqfulu r-riklam li kellu fuq is-Super One, Net TV u media ohra bhal *radio*. Qal li sussegwentement hu kien mar ghand Paul Spiteri, li huwa ufficjal tal-Partit Nazzjonalista u jahdem fl-*advertising* tal-Media Link u qallu sabiex iwaqqaflu r-

reklami kollha w ghalhekk waqqfulu r-riklami. Qal li Paul Spiteri kien qallu li ma setghax iwaqqaf ir-riklami ghax kellu kuntratt maghhom u hu qallu li ma setghax ihallas ghal reklam jekk ma setghax ibiegh il-prodott u dan Paul Spiteri kienu qallu li hu kien se jkellem lill-Ministru tas-Sahha, li dak iz-zmien kien Doctor Louis Deguara u dak il-hin stess qabad u cempillu quddiemu w indirizzah bl-isem 'Louis' u qallu li hu Paul Spiteri tan-Nazzjon u talbu sabiex jghin lil dik il-persuna li kienet involuta fil-'Made in America', li kien hu.

Ix-xhud zied jghid Paul Spiteri kien qal lil Ministru '*taf kif inhi bhalissa s-sitwazzjoni*.' Zied jghid li wara dan Paul Spiteri kien qallu li kollox kien ok u baghtu ghand id-Dipartiment tas-Sahha, ghand John Attard Kingswell u qallu sabiex igiblu s-*samples* u dawn marru ghand id-Dipartiment tas-Sahha. Spjega li wara jumejn hu rega' tkellem ma' John Attard Kingswell u dan qallu li setgha jerga' jibda jirreklama u fil-fatt kienet harget ittra fejn tawh l-permess biex jerga' jibda' jirreklama u beda jerga' jirreklama. Qal li pero wara l-elezzjoni regghu twaqqfu r-reklami u mar u qalilhom '*mela meta jkollkhom bzonn thalluni nirreklama u meta m'ghandkomx bzonn twaqqfuni?'*

Qal li l-attur huwa c-Chairman tal-Medicine Authority. Qal li fil-fatt, meta prodott jitwaqqaf, jigi mwaqqaf bil-permess tieghu u meta jerga' jigi moghti permess biex jigi reklamat, huwa wkoll bil-permess tieghu. Qal li fil-fatt, l-ahhar firma li harget kienet, bil-firma ta' Doctor Louis Deguara fejn talbuh biex jibdel l-isem tal-prodott. Qal li hu kien nefaq aktar minn wiehed u ghoxrin elf bhala spejjez fir-reklamar. Qal li sar jaf li John Attard Kingswell kien baghat ittra lil Broadcasting Authority fejn setgha jirreklama. Qal li lil Doctor Louis Deguara hu qatt ma kellmu personalment. Qal li rrizultalu li huwa c-Chairman tal-Board, mill-ittra tal-bord li kien ircieva.

Illi nhar t-tlettax (13) ta' Jannar 2009 xehed **Edgar Cassar** (fol. 92) fejn esebixxa sitt cirkulari li hargu mill-Awtorita' tax-Xandir in konnessjoni mal-'Blue Pain Relief' li gew immarkati bhala Dok. Z 1 sa Z 6 rispettivament. Spjega li

hu jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-Bord tax-Xandir. Qal li dawn ic-cirkulari hargu 'n segwitu ta' direzzjoni li kienu rcivew mid-Dipartiment tas-Sahha. Qal li ma' kull cirkolari hemm l-ittra li huma jkunu rcivew mid-Dipartiment tas-Sahha u dawn gew imqassma lill-istazzjonijiet tax-xandir kollha ghaliex id-Dipartiment tas-Sahha kellhom oggezzjoni ghal kif kien qed jigi reklamat il-prodott 'Blue Pain Relief'. Qal wkoll li kien hemm xi zmien meta din l-oggezzjoni taghhom kienet giet irtirata.

Illi nhar t-tlettax (13) ta' Jannar 2009 xehed **John Attard Kingswell** (fol. 107) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Direttur Sahha Ambjentali, pero' l-kariga tieghu fis-snin 2003-2004 kienet ta' Manager Health Inspector fid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika. Qal li fis-sena 2003 kien hemm xi rapport dwar xi *medical claims* dwar il-prodott 'Blue Pain Relief' pero min kien ghamel dan ir-rapport ma setghax jghid ghax ma kienx jaf. Spjega li dan kien rapport anonimu u kien allega li 'Blue Pain Relief' kellu *medical product* pero' dan ir-rapport ma kienx gie ezaminat minnhom, izda minn sezzjoni ohra fid-dipartiment li l-*head* tieghu kienet Doctor Charmaine Gauci. Ghalhekk, zied jghid x-xhud, hu kien ghadda r-rapport lilha.

Mistoqsi min ha d-decizjoni sabiex jieqaf ir-reklamar fuq dan il-prodott, ma setghax jghid pero' qal li jaf li mill-*file* irrizulta li hemm xi ittra mahruga f'dan is-sens iffirmata minn Doctor Charmaine Gauci. Qal li rrizultalu wkoll li kienu nbiddlu xi kliem u l-*ban* kienet tnehhiet. Ikkonferma li llum Doctor Charmaine Gauci tokkupa l-kariga ta' Direttur Health Promotion u Disease Prevention. Qal li lil Doctor Louis Deguara ma jiftakarx li qatt kellmu fuq dan il-kaz pero' jaf li lilu kienu kellmuh xi rapprezentanti minn xi programmi tat-*television* li kienu waqqfu dawn il-programmi. Qal li jista' jkun li Paul Spiteri effettivament kien cempillu wkoll ghaliex waqfu r-riklami u ghaliex naturalment id-decizjoni ma ttihditx.

Mistoqsi jekk tezistix xi awtorita' tal-medicina wiegeb li tezisti effettivament u fis-sena 2003 din l-Awtorita' kienet maghrufa bhala Medicine Regulatory Authority u l-*head*

taghha hija Doctor Patricia Vella Bonanno. Jekk l-Onorevoli Ministru Deguara kienx jippresjedi dan il-kumitat ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jghid. Qal li hu mhux membru ta' din l-Awtorita' u li din l-Awtorita' tinstab fi hdan tal-Health Division.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu 2009 xehdet **Doctor Charmaine Gauci** (fol. 112) fejn qalet li ghall-habta tas-snin 2003-2004 kienet inqalghet il-kwistjoni dwar il-prodott 'Blue Pain Relief' u hi kienet tokkupa l-kariga ta' Head of Disease Unit dak z-zmien u kienet tghin lid-Direttur taghha li kien Doctor Michael Micallef, li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Public Health. Qalet li parti minn xoghlha kien sabiex tara x'permessi ghal *advertising* fuq prodotti li jirrigwardaw is-sahha kien hemm u li hi kellha l-awtorita' biex tara xi prodotti kienu qeghdin jigu reklamati u jekk ikun hemm xi nies li jixtiequ jirriklamaw prodotti li ghandhom x'jaqsmu mas-sahha, jigu ghandha ghall-permessi.

Qalet li fost il-prodotti, kien hemm dak maghruf bhala 'Blue Pain Relief' u dan kien qed jigi reklamat fuq it-televizjoni u segwa fuq ir-*radio*. Qalet li tiftakar li kellhom xi *complaints* minghand in-nies u xi *enquiries* biex jaraw kemm jahdem jew ma jahdimx dan il-prodott in segwitu tal-wirjiet ta' dawn ir-riklami. Qalet li peress li hi kienet izzomm l-informazzjoni kollha tal-prodotti li kienet taghti l-permess taghhom, kienet sabet li effettivament ma kienx inghata permess biex dan il-prodott jigi reklamat u dan kien fis-sena 2003. Qalet li dan il-prodott, li kien qed jigi reklamat nonostante li l-persuna ma kellhiex permess minghand id-Dipartiment tas-Sahha, kien qed jigi reklamat li dan il-prodott ghandu trattament fost affarijiet ohra ghal *arthritis*, u *sciatica* w ghalhekk kienu nfurmaw lill-Broadcasting Authority b'ittra datata sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar 2003 u qalulhom li dan il-prodott ma kellhux il-permessi necessarji sabiex jigi reklamat mill-Kunsill tas-Sahha w ghalhekk ma setax jigi reklamat sakemm jinghata l-permess.

Qalet li sussegwentement kienu gew infurmati minn Dottor Kevin Aquilina, ghan-nom tal-Broadcasting Authority, li

huwa kien ha il-passi sabiex dan il-prodott ma jigix aktar reklamat, pero dan nonostante, huma baqghu ghaddejjin bl-investigazzjoni fuq il-prodott.  Qalet li ‘n segwitu hi kitbet lil Medicines Regulatory Unit biex jinfurmaha dwar il-prodott u kienet irceviet ittra nhar l-erbgha (4) ta’ Marzu 2003 minghand il-Medicines Regulatory Board Unit fejn qalulha li dan il-prodott ma kienx ghadu gie rregistrat mal-Medicines Regulatory Unit bhala medicinali.  Qalet li sussegwentement dan il-prodott kellu jigi *assessed*.  Qalet li sussegwentement kienet saret *evaluation* fuq dan il-prodott u fis-sitta (6) ta’ Marzu 2003 il-‘Blue Pain Relief’ seta’ jigi reklamat fi-sens li ‘Blue Pain Relief jista’ jghin ghas-serhan mill-ugigh w ghalhekk dak biss seta’ jigi reklamat.  Qalet li fit-tlieta (3) t’Awwissu 2003 ircivew ittra mill-Pharmacy Board li huma nnutaw bhala board ta’ l-Ispizjara, li kien qed isir dan ir-reklamar fuq dan il-prodott. Ix-xhud esibiet kopja ta’ din l-ittra bhala Dok. ‘CG’ fejn hemm indikat li dan il-prodott kellu jerga’ jigi *re-assessed* fil-manjiera kif ghandu jigi reklamat, peress li m’huwiex medicinali.  F’April 2004, kompliet tghid x-xhud, kienu kitbu lis-CEO tal-Medicines Regulatory Authority u dan peress li baqghu jircievu *complaints* dwar dan il-prodott, u hi kitbet ittra in risposta ndirizzata lil Medicines Authority peress li kellhom kopja tal-*advert* kif propost minn Joanne Farrugia u staqsewhom jekk dan l-*advert* kienx accettabli ghalihom u kien hemm anke kopja tal-prodott in kwistjoni. Din l-ittra giet esibita bhala Dok. ‘CG 1’ flimkien mal-*advert* li huwa mmarkat bhala Dok. ‘CG 2’.  Qalet li l-prodott u l-*advert* kienu gew moghtija lilha mill-kumpanija stess. Sussegwentement, kompliet tghid x-xhud, kienet dahlet il-Medicines Authority w ghalhekk hi ma baqghetx inkarigata minn dan ix-xoghol.  Spjegat li c-Chief Executive Officer tal-Medicines Regulatory Board dak iz-zmien kien Doctor Patricia Vella Bonanno.

Mistoqsija x’*say* kellu l-Ministru fuq il-Medicines Authority, ix-xhud wiegbet li hi ma kellha x’naqsam xejn ma’ din il-Medicines Authority w ghalhekk ma kienetx f’pozizzjoni li twiegeb.  Mistoqsija jekk hi kienetx giet avvicinata personalment, apparti mill-konvenut, minn xi hadd ghaliex fil-fatt kienet ittiehdet decizjoni sabiex jitwaqqaf dawn ir-reklami ix-xhud wiegbet li le, ma kienet giet avvicinata

minn hadd. Mistoqsija jekk effettivament kienux *complaints* jew *queries* fuq il-prodott li kienu rcivew, wiegbet li fil-parti l-kbira taghhom kienu *queries* fis-sens li ghalkemm prodott ma kienx ghali, kienx jahdem jew le.

In kontr'ezami, mistoqsija jekk kellhix komunikazzjoni ma' l-Onorevoli Dr Louis Deguara fuq din il-kwistjoni, wiegbet li ma kellhiex.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu 2009 xehdet **Doctor Patricia Vella Bonanno** (fol. 120) fejn qalet li hi tokkupa l-kariga ta' CEO tal-Medicine Authority u li bdiet bil-kariga ta' CEO tal-Medicine Authority f'Marzu 2004. Qalet li qabel kien hemm direttur li kienet Liliana Wismayer. Qalet li bhala Awtorita' huma jaqghu fi hdan il-Ministeru tas-Sahha, pero' d-decizjonijiet ma jaqghux f'idejn il-Ministru Doctor Louis Deguara. Qalet li huma, bhala Awtorita, jaghmlu rakkomandazzjoni lil Licensing Authority.

Mistoqsija jekk lahqitx il-kwistjoni tal-'Blue Pain Relief' wiegbet li kienet lahqitha. Qalet li l-Medicine Authority giet kostitwita bhala Authority bil-Medicines Act li giet fis-sehh f'November 2003 w ghalhekk, dwar klassifikazzjoni ta' prodotti u reklamar, l-Medicines Authority hadet *over* minn November 2003. Qalet li l-prodott 'Blue Pain Relief' kien gie riferit lilhom mid-dipartiment tal-Public Health fuq kwistjoni ta' reklamar originarjament. Qalet li meta saret riferenza lilhom, huma tellghu dan il-prodott bhala *classification item* u cioe' jekk jaqa' taht medicinali jew le u li kienu hadu d-decizjoni li effettivament verament dan il-prodott jaqa' taht medicinali. Qalet li hadu din id-decizjoni li ma setghax jigi reklamat, bil-*claims* li kien qed jaghmel il-konvenut w ghalhekk hadu d-decizjoni li dan kien medicinali u li kellu jigi rregistrat bhala medicina nkella kellu jinbidel il-prezentazzjoni tieghu.

Sussegwentement, kompliet tghid x-xhud, id-decizjoni taghhom giet riferuta lill-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Ewropea qablet mad-decizjoni taghhom kif il-prodott kellu jigi klassifikat bhala medicinali u minn hemmhekk il-konvenut ha l-parir li anke nghata mill-Unjoni Ewropea li jnehhi l-*claim,* fis-sens illi minn 'Blue Pain Relief' ghamlitu

'Blue Main Relief', u tnehhiet il-website tieghu u tnehhiet il-*claim* u minn dakinhar 'il quddiem seta' jigi reklamat ghax ha sura differenti w ghalhekk gie klassifikat bhala *cosmetic* u mhux bhala medicina. Qalet li huma kklassifikaw l-prodott bhala medicinali f'August 2004 u dak iz-zmien il-prodott kien imwaqqaf milli jigi mxandar. F'April 2005 u f'Lulju 2005 huma baghtu ittra lil konvenut fejn ghamlu r-rakkomandazzjoni taghhom bbazata fuq id-decizjoni mehuda mill-Unjoni Ewropea fejn hu seta' jibdel il-prodott biex jista' jerga' jigi mxandar mhux bhala medicinali u saret komunikazzjoni mal-konvenut. Ziedet tghid li f'Awwissu 2005, wara li pprovda r-*revised* sample, dan il-prodott gie kklassifikat bhala *non medicine* w ghalhekk seta' jigi reklamat. Qalet li f'Awwissu 2005 huma hadu d-decizjoni li ma kienx hemm oggezzjoni li dan il-prodott kien qed jigi reklamat, basta mhux bhala medicina w ghalhekk una volta l-prodott ma jibqax medicinali, ma jibqax taht il-gurisdizzjoni taghhom. Qalet li pero fis-sena 2006 kien hemm oggezzjoni ohra ghaliex kien hemm xi kliem fir-reklamar li ma kienux qed jaqblu mieghu w ghalhekk baghtu ittra lil Broadcasting Authority fejn tnehhew xi kliem mir-reklamar.

Qalet li fil-frattemp kienu saru tlett Parlamentary Questions fuq dan il-prodott, wahda f'Marzu 2005, ohra fl-istess xahar u ohra f'Gunju 2005 u tnejn minnhom saru minn Doctor Stefan Buontempo u ohra saret minn Dottor Jose Herrera. Qalet li kienu jsiru domandi mposti fuq reklamar ta' dan il-prodott. Qalet li darba kienu marru jkellmuhom mill-Ambaxxata Amerikana fejn staqsewhom fuq il-prodott peress li fl-Amerika kien qed jigi *marketed* mod iehor pero hi spjegatilhom il-ligi Ewropea u cioe li ma kellhomx l-istess rizultanzi. Qalet li kienet spjegatilhom ghaliex kien hemm din id-divergenza. Qalet li r-risposti ghall-Parlamentary Questions naturalment issir mill-Awtorita' pero' jigu mghoddija lura lill-parlament tramite l-Ministru. Qalet li l-Onorevoli Ministru fl-ebda stadju ma ccerja xi kumitat f'din il-Medicine Authority, ma kien l-ebda membru, lanqas ta' ebda kumitat u ma kellu l-ebda *input* fuq xi decizjoni mehuda mill-Awtorita'.

Qalet li l-ewwel ittra li ntbaghtet lil-konvenut, sabiex dan il-prodott ma jigix impoggi fuq is-suq, kienet datata erbgha t'Awwissu 2004 u kienet giet iffirmata minnha. Qalet li ittri ffirmati mill-Ministru Doctor Louis Deguara f'dan is-sens m'hemmx.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmintax ta' Mejju 2009.

Rat id-dokumenti kolha esebiti mill-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenutipprezentata fir-Registra tal-Qorti nhar is-sbatax (17) ta' Lulju 2009.

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-d-disgha w ghoxrin (290 ta' Lulju 2009.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tittratta dwar allegazzjonijiet li skond l-attur huma foloz maghmula mill-konvenut fuq xandira li saret fuq Smash Television. L-attur ighid li l-fatti kif esposti mill-konvenut tant kienu allarmanti u sensazzjonali, li sahansitra anke gew riportati f'gurnali lokali ohra.

Illi ghalhekk l-esercizzju li ghandha taghmel din il-Qorti huwa sabiex tifli t-traskrizzjoni li giet esebita a fol. 2 et seq li mhiex kontestata mill-konvenut, u tara jekk dak li gie rappurtat li ntqal mill-konvenut, hux minnu u jekk verament jammontax ghal *fair comment* kif lamentat minnu fl-eccezzjonijiet tieghu.

Jigi notat li efettivament il-konvenut fl-ebda hin ma pprova jgheleb dak li gie rappurtat, fis-sens li jiggusitifika dak li qal jew li pprova jfisser fi kliem aktar car x'kellu f'mohhu. Il-konvenut fil-provi li ressaq, ressaq biss li effettivament huwa kien ighamel hafna reklami fuq il-mezzi tax-xandir fuq il-prodott Blue Pain Relief u dan ghal xi zmien gie imwaqqaf milli jkompli milli jghamel hekk. Fil-fehma tieghu dan sar minghajr raguni valida u fuq

struzzjoni specifika tal-Ministru u dan ghaliex huwa ma kienx xi habib tieghu.

Illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni tal-attur, huwa jrid jipprova tlett elementi u cioe li effettivament saret il-publikzazzjoni, li hemm l-identifikazzjoni u li effettivament hemm l-ingurja u l-malafama fil-konfront ta' dak li gie ddentifikat.

Minn ezami tat-traskrizzjoni jirrizulta bic-car li l-konvenut qed jilmenta bl-agir tal-Ministru tas-Sahha principalment ghaliex ta ordni sabiex jieqaf milli jkompli jxandar il-prodott Blue Pain Relief. Pero meta jghamel hekk, juza kliem infelici u dispreggjattivi fil-konfront tal-attur u dan billi jattribiwixxi kliem li fihom infushom huwa dispreggjattivi, fosthom hemm il-kliem li l-Ministru huwa mcappas, li flimkien mal Prim Ministru, huma mcappsin f'skandlu u jghid ukoll li l-Ministru huwa parti minn *game*. Illi dan kollu jindika lil qarrej ordinarju, li hemm xi rregolarita maghmula fil-konfront tal-konvenut minhabba l-agir tal-Ministru. Jghamel hafna domandi retorici bhal per ezempju "*Jekk ikunu hbieb tal-hbieb kif ha jaqsmu l-affarijiet".* L-konvent jaghmel ukoll *statements* ingurjuzi fil-konfront tal-attur bhal per ezempju *'Jekk il-Ministru l-istess imcappas."* Ikompli jghid li "*l-Prim Ministru u l-Ministru huma mcappsin bl-iskandlu"*. Dan kollu nghad mill-konvenut fil-konfront tal-attur minghajr m'issostanzja dak li qal. L-konvenut qabad u tefa' it-tajn minghajr ma kellu ebda raguni. Il-konvenut donnu ried ighid li kien il-Ministru li kien responsabbli ghad-decisjoni li ttiehdet sabiex huwa ma jirreklamax aktar, meta fil-fatt mill-provi prodotti, anke mill-istess konvenut, jirrizulta l-oppost, li l-attur ma kellu x'jaqsam xejn mad-decisjoni li ttiehdet.

Mill-provi li gew prodotti jirrizulta li l-konvenut messu l-ewwel irregistra l-prodott mad-Dipartiment tas-Sanita qabel ma beda jirreklamah.

Ma hemmx dubbju li l-messagg li l-konvenut ried iwassal bix-xandira li ghamel u d-difiza ta' *fair comment* hi li l-attur huwa konness ma xi abbuz u irregolarita.

Gie diversi ribadit mill-Qrati taghna li d-dritt fondamentali tal-liberta tal-espresjoni u tal-kritika, anke fejn si tratta ta' kritika tal-operat ta' persuna li tokkupa xi kariga pubblika jew li ghandha posizjoni gholja f'ghajnejn il-pubbliku, ghandu l-limiti tieghu u qatt ma jista jiehu l-forma t'insinwazzjoni ta' fatti malafamanti li ma jkunux ippruvati bhala veri.
Bizzejjed li jigu citati brani mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-ghaxra (10) t'Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet "**Dr. Joseph Troisi vs rev. Fr. Emmanuel sive Noel Grima et**" fejn wara li ghamlet taghha l-konkluzzjonijiet tal-ewwel Qorti, kienet irriteniet hekk:-

"*Illi certament li l-liberta tal-espressjoni m'ghandhiex tkun licenzja sabiex wiehed liberalment jattakka bla ebda provi u fundament, ir-reputazjoni u l-unur tal-bniedem l-iehor, stante li n-natura stess tad-drittijiet fundamentali, ghandha ai fundus, ir-rispett lejn il-hajja u r-reputazzjoni umana; anzi jista jinghad li r-reputazzjoni u l-fama tal-bniedem u l-protezzjoni taghha, hija l-emanazzjoni u fl-istess hin il-kulmine tad-dinjita stess tal-bniedem.*"

Illi dan l-apprezzament tal-Qorti qed jigi moghti taht il-konsiderazzjoni maghmula wkoll fis-sentenza "**Onor. Dr. Philip Muscat vs Victor Camilleri et"** (A.C. 19 ta' Mejju 1995 – LXX1X.ii.487) fejn inghad illi bl-introduzzjoni tal-Kap 319 sar *"tibdil fondamentali fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti fil-materja t'ingurja 'n kwantu din tkun diretta lejn l-awtoritajiet specjalment dawk governattivi u dan sabiex kemm il-ligi kif ukoll id-decizjonijiet ta' dawn il-Qrati, jkunu konformi mal-hsieb u decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem in materja ta' liberta tal-istampa. Dan il-kambjament radikali sar kemm fil-kamp penali kif ukoll fil-kamp civili. Din il-Qorti taghmel biss referenza ghas-sentenza taghha stess re "**Anglu Fenech pro et no eve Carmelo Callus"** tal-erbgha (4) ta' Frar 1994 u dik ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) in re **Il-Pulizija kontra l-Onorabbli Dr. Guido Demarco** deciza fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Lulju 1994 fit-tnejn dawn il-Qrati segwew it-trip murija mill-Qorti Ewropeja fil-***Lingers Case** *sa mill-1986."*

Kif intqal fis-sentenza "**Dr. Louis Buhagiar vs Saviour Balzan nomine"** moghtija nhar it-tmintax (18) ta' Mejju 2005 minn din il-Qorti diversament preseduta li:-

"*Taħt dawn il-konsiderazzjonijiet jirrizulta li hija regola normali li min qieghed jokkupa kariga pubblika f'demokrazija, huwa tenut li jirrikonoxxi kritika anke harxa tal-operat tieghu, pero tali kritika qatt m'ghandha twassal sabiex jigu attribwiti fatti mhux veri lill-persuna bl-iskop li tali persuna tigi malafamata, ngurjata u redikolata pubblikament u t-test ghal dan xorta jibqa kif a reasonable fair minded man cioe the reasonable man or normal intelligence possessed of a degree of knowledge of current circumstances ihares u jifhem l-istess artikulu (f'dan il-kaz xandira) (***'Hedley vs Tabone'*** deciza nhar s-sebgha (7) ta' Frar 1953 u '***Mintoff vs Schembri'*** deciza fis-sebgha (7) ta' Frar 1953) u ghal dan it-test mhux ''importanti li qieghed jara x'kellhom f'rashom il-kwerelanti meta l-artikolu 'n kwistjoni gie miktub u stampat, imma l-importanti huwa li wiehed jara x'jifhem ic-cittadin ordinarju u t'intelligenza normali, meta jaqra l-artikolu in kwistjoni" ("***Onor. Dr. G Cassar vs Dr. Joseph Muscat"*** deciza nhar t-tnejn w ghoxrin (22) ta' Lulju 1985).*"

Illi mela jidher car, li ghalkemm wiehed jista jaghmel kritika anke harxa fuq l-operat ta' persuna f'posizjoni pubblika, dan ma jfissirx li b'daqshekk wiehed ghandu liberta li jattribwixxi fatti mhux ippruvati w ingurjuzi lill-istess persuna, ghaliex il-liberta tal-espressjoni ghandha il-limiti taghha, fid-dritt ta' persuna li tiddefendi isimha u l-unur taghha, specjalment meta tali fatti allegati jew insinwati, assolutament ma jigux ippruvati u ma jezistux. Jibqa dejjem il-fatt li l-limiti tal-*fair comment* huwa li "*jekk ma jigux ippruvati sodisfacentement, il-fatti addebitati lill-kwerelant u ma tista tirnexxi id-difiza ta' justifikazzjoni u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista jkun hemm fair comment*." ("**Anglu Camilleri vs Anthony Zammit** –Vol. X1.1V.1195; **Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit**" decizi nhar t-tlieta (3) t'Ottubru 1991 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.")

Altru li wiehed jikkritika anke jekk b'mod iebes, l-operat ta' dak li jkun, billi jesprimi l-opinjoni tieghu fuq dak l-operat, w altru li wiehed jattribwixxi jew, aghar, jinsinwa <u>fatti</u> malafamanti li ma jigux ippruvati.

Din id-distinzjoni tohrog anke mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja fosthom il-kaz kwotat mill-konvenuti fin-nota taghhom '**<u>Lingens vs Austria</u>** 1'. Skond l-awturi **Van Dijk u van Hoof**, '*The distinction between facts and value judgements…is standing case law…*"

Bl-**Artikolu 10** tal-Konvenjzoni Ewropeja u bil-gurisprudenza dwaru, ma giex abolit ir-reat ta' malafama permezz tal-istampa, izda sempliciment inghatat interpretazzjoni aktar liberali ta' x'jammonta ghal malafama meta si tratta ta' kummenti e opinjonijiet (ossia *value-judgements*) specjalment fil-kaz ta' kummenti w opinjonijiet li jirrigwardaw nies fil-politika jew dibattiti jew f'kuntest politiku….

Fis-socjeta moderna, a diferenza ta' forsi ghoxrin, tletin, jew sittin sena ilu, certu kummenti jitqiesu li m'humiex ingurjuzi. Meta pero, flok kumment (jew opinjoni) ikollok allegazzjoni jew insinwazzjoni ta' fatti fihom infushom ingurjuzi u li ma jirrizultawx sostanzjalment ippruvati anke fis-socjeta moderna u demokratika, jibqa validu l-kumment tal-Imhallef Kennedy fil-kawza '**<u>Peter Walker Ltd vs Hodgson</u>'** fejn inghad li:-

"*Where the words which are alledged to be defamatory allege, or assume as true, facts concerning the plaintiff which the plaintiff denies, and which either involce a slanderous imputation in themselves, or upon which the comment bases imputations or inferences to the plaintiff, it is settled that the dfence of fair comment fails unless the comment is truthful in regard to its allegation or assumption of such facts."*

Fil-kaz in ezami, l-konvenut qabad u qal certu kummenti minghajr ma qabel ikkonferma il-veracita taghhom. Kien biss waqt il-kawza odjerna, li l-konvenut ghamel il-*fishing expedition* tieghu sabiex ra x'wassal sabiex ittiehdet id-

decisjoni li ttiehdet mid-Dipartiment tas-Sahha fil-konfront tieghu.

Illi ma hemmx dubbju li l-attur ma kellu x'jaqsam xejn mad-decisjoni li ttiehdet w ghalhekk zgur li m'ghandux ikun l-attur li jwiegeb ghal tali kritika ngusta li saret fil-konfront tieghu.

**Ghalhekk, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, senjatament il-professjoni tal-attur w il-kariga ta' Ministru u l-effett negattiv tal-pubblicita hazina, wara li hadet ukoll in konsiderazzjoni l-effett hazin li tali agir jista jhalli fuq il-karriera politika tal-attur kif wkoll wara li apprezzat ukoll il-hsara lir-reputazzjoni tieghu, tilqa t-talba tieghu u tikkundanna lill-konvenut Nidal Binnay sabiex, bhala *producer* tal-programm "Int Taf X'Ifisser", ihallas lill-attur in linea ta' Danni, s-somma ta' erbat elef euro (€4,000).**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------